– IL-KONTUMACI JAFFIDA D-DIFIZA TIEGHU LILL-GUDIKANT –
– KOMPETENZA SOLLEVABBLI *EX OFFICIO* –
– HSARA INVOLONTARJA FIL-PROPRJETÀ LI TINVOLVI L-VETTURI –
– RABA' SKEDA TAL-KAPITOLU **387** TAL-LIGIJIET TA' MALTA –
– "DURA SED LEX" –
– LAW OF PRECEDENT ("STARE DECISIS") –
– IC-CERTEZZA TAD-DRITT U ASPETTATTIVA LEGITTIMA –

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

GUDIKATUR
**AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 6 ta' Novembru, 2017**

Avviz tat-Talba numru: **597 / 2016**

**AWTORITÀ GHAT-TRASPORT F'MALTA**

***VERSUS***

**KHADAR QAASIM ABDI**
[K.I. NRU. 48626A]

It-Tribunal;

Ra l-Avviz tat-Talba prezentat fis-16 ta' Dicembru, 2016 fejn is-Socjetà Attrici talbet li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' hames mija, sittin ewro u tlieta u disghin ewro centezmi (€560.93c) rapprezentanti hsarat sofferti mill-attrici wara li l-konvenut, sewwieq tal-vettura targata KBS-179, baqa' diehel fi *crash barrier* fi Triq Louis Wettinger gewwa l-Mellieha, kif ahjar menzjonat fl-istess Avviz tat-Talba. L-attrici talbet ukoll l-ispejjez gudizzjarji u l-imghaxijiet.

Ra li ghad li debitament notifikat bl-atti ta' dawn il-proceduri, il-konvenut naqas milli jipprezenta risposta fit-terminu preskritt mil-ligi ghal dan il-ghan u lanqas ma

deher personalment (jew tramite rapprezentant tieghu) ghas-smigh ta' dan il-procediment;

Ikkunsidra l-provi mressqa u ra l-atti kollha processwali;

Jikkunsidra;

Din is-sentenza tirrigwarda l-materja mqanqla *ex officio* minn dan it-Tribunal fl-udjenza tat-22 ta' Settembru, 2017 (*vide* verbal *a fol.* 25) u wara li inghatat l-possibilità lill-awtorità attrici li tissottometti l-posizzjoni taghha ghar-rigward.

Fil-kaz prezenti, l-konvenut gie debitament notifikat bl-atti tal-kawza (*vide* procedura relattiva ta' affissjoni u pubblikazzjoni *a tergo* ta' *fol.* 18, *foll.* 16–17 u *fol.* 20). Cionostanti notifikat, il-konvenut ma ressaq l-ebda risposta fit-terminu li trid u tghid il-ligi skond l-Art. 4(1)(b) u Art. 4(2) tal-Ligi Sussidjarja 380.01. Addizzjonalment, il-konvenut lanqas ma deher ghas-seduti mizmuma quddiem it-Tribunal u lanqas ma deher xi rapprezentant tieghu sabiex issehh kontestazzjoni tal-pretiza attrici.

Cionostanti l-karenza ta' difiza formali da parti tal-parti mharrka, it-Tribunal jemmen li kien hemm aspett ta' din il-vertenza li kien jehtieg jigi mqanqal u diskuss. Tali aspett jikkoncerna l-kompetenza *ratione materiæ* ta' dan it-Tribunal biex jiehu konjizzjoni ta' talba bhal dik li ntavolat l-attrici.

In-nuqqas ta' partecipazzjoni tal-parti mharrka – kemm f'dak li jirrigwarda l-aspett formali skritt u kif ukoll ghal dak li jikkoncerna dehera fizika quddiem it-Tribunal – m'ghandha tfisser qatt li tali parti qed tbaxxi rasha ghat-talba mressqa kontriha jew inkella xi forma ta' ammissjoni ta' dak allegat kontriha. Anzi, tali omissjoni tirresponsabilizza lill-gudikant biex jaccerta ruhu li l-allegazzjonijiet attrici jigu xorta wahda pruvati u li l-precetti procedurali dejjem osservati. Fid-duttrina nsibu ritenut li, "*la contumacia vale resistenza, che il contumace tacitamente respinge le domande dello avversario ... il contumace affida al giudice la propria difesa ... questa difesa deve limitarsi ad esaminare se le forme del rito sian rispettate, se l'assunto della parte presente sia fondato in fatto ed in diritto*" (**Salvatore La Rosa**, "Il Contumace nel Giudizio Civile", Filippo Tropea ed. 1887; §118, p.175). Mil-lat ta' gurisprudenza lokali, kif inghad *in re* **Giuseppe Gerada v. Salvu Attard** (Appell Kummercjali, 6 ta' Novembru, 1959), "*Ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci, dan ma jaghtix lok ghall-prezunzjoni ta' abbandun tal-liti, ghad-difett ta' eccezzjonijiet legittimi, jew ghal adezjoni ghad-domanda;*

*imma, inveci, ghas-suppozizzjoni ta' rimessjoni ghall-gustizzja tat-tribunal."* Fuq l-istess stregwa, gie rilevat fid-decizjoni riportata f'*Kollez.* **Vol XXIX-III-35** illi, *"ghalkemm il-konvenut jibqa' kontumaci dana ma jfissirx illi huwa abbanduna kull eccezzjoni li seta' jaghti fil-kawza u ammetta d-domandi. Il-gudikant ghandu jezamina jekk it-talba hiex gustifikata indipendentement mill-kontumacja tal-konvenuti."* Illi fil-kawza *in re* **Id-Direttur tar-Registru Pubbliku v. Ermelina Silos Mendoza et** (Prim'Awla, 16 ta' Novembru, 2010) inghad li l-parti f'kontumacja *"titqies li halliet ix-xorti taghha f'idejn il-Qorti biex taghmel haqq ghall-kaz taghha."* F'dan is-sens hi wkoll id-decizjoni *in re* **Carmela Zahra armla v. Direttur tax-Xogholijiet Pubblici** (Appell Superjuri, 28 ta' Frar, 1975; mhux pubblikata).

F'dan il-kaz, u kif diga' rilevat, it-Tribunal qanqal il-kwistjoni ta' kompetenza *motu proprio* fl-udjenza tat-22 ta' Settembru, 2017 sabiex jaghti l-opportunità lill-awtorità attrici tirregola l-posizzjoni taghha ghar-rigward.[1] L-awtorità attrici rregolat ruhha fil-mori tad-differiment bl-ezibizzjoni ta' nota ta' riferenzi fl-udjenza tat-23 ta' Ottubru, 2017 (*a fol.* 27) u fl-udjenza tat-23 ta' Ottubru, 2017 il-procediment thalla ghas-sentenza dwar l-imsemmija kwistjoni.

Kif digà osservat, ghalkemm l-ebda difiza ma giet imressqa mill-konvenut, il-kwistjoni ta' kompetenza *ratione materiæ* jew le ta' dan it-Tribunal hi materja li tipprexxindi mill-eccezzjoni relattiva li taf titqanqal mill-istess imharrek, u dan peress li tali materja tikkompeti lill-ordni pubbliku. Dan huwa dmir precettiv u mhux fakoltattiv ghal min irid jiddeciedi (ara decizjonijiet riportati f'*Kollezz.***Vol. VIII-579**; **Vol. XVIII-II-439**; u **Vol.XXIX-II-468** u *in re* **L-Eccellenza Tieghu Giovani Umberto De Vito noe v. Alfred Dimech**, Prim'Awla, 24 ta' Mejju, 2016). Bhala tali, tali materja tista' tigi sollevata mit-Tribunal b'impuls proprju, ossia *ex officio*, u mhux necessarjament *in limine litis*. Kif ritenut *in re* **Montaldo Insurance Agency Ltd noe**

---

[1] Ghalkemm il-kompetenza hija materja t'ordni pubbliku u tista' tigi sollevata b'impuls proprju (awtonomament mill-partijiet) mill-Qorti jew mit-Tribunal (ta' l-ewwel grad), il-kontendenti huma dejjem mistennija li jigu koncessi l-okkazzjoni u l-fakoltà li jiddibattu l-materja quddiem il-Qorti jew it-Tribunal. Dak li mhux mistenni huwa li l-istess materja, li ma tkunx formanti parti mid-diskussjoni quddiem il-Qorti jew it-Tribunal, tohrog improvvizament fis-sentenza ta' l-istess. In fatti fid-decizjoni *in re* **Alan James Caruana et v. Victor Abela et** (Appell Inferjuri, 29 ta' Lulju, 2016) inghad hekk: *"Hu evidenti li l-qorti ssollevat ex officio eccezzjoni ta' kompetenza ratione valoris. Skont l-Artikolu 774(b) tal-Kap. 12, il-qorti ghandha dritt li tqajjem eccezzjoni bhal din. Madankollu mill-atti hu evidenti li din l-eccezzjoni tqajmet fis-sentenza. Dan ifisser li l-partijiet ma nghatawx l-opportunità li jaghmlu sottomissjonijiet dwarha. Bl-emendi li saru bl-Att IV tal-2016, il-qorti ghandha taghti l-opportunità lill-partijiet li jressqu provi u jaghmlu sottomissjonijiet dwar eccezzjoni ex officio qabel taghti s-sentenza (Artikolu 732A tal-Kap. 12). Fir-rikors ta' l-appell, l-appellanti ghamlu riferenza ghas-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Superjuri) fil-kawza Anthony Saliba vs. Neptune's Bar and Restaurant Company Limited tat-8 ta' Jannar 2010, fejn il-qorti qablet mal-fehma li m'ghandux ikun li qorti tissorprendi lill-partijiet billi fis-sentenza tqajjem eccezzjoni ex officio minghajr ma tkun tat l-opportunità ta' trattazzjoni dwarha."*

**v. Emanuel Micallef et** (Appell Inferjuri, 3 ta' Ottubru, 2007) *"l-gudikant ta' l-ewwel grad ghandu l-fakoltà li jirrileva d'ufficio l-inkomptenza tieghu."* Di fatti, l-Art. 774(b) Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi illi, *"Fin-nuqqas ta' eccezzjoni ta' inkompetenza, il-qorti ghandha, ex officio, tiddikjara l-inkompetenza taghha …* omissis … *(b) meta, minhabba x-xorta jew il-valur tal-haga li tkun fil-kwistjoni, il-kawza ma tkunx ta' kompetenza ta' dik il-qorti …"*.

Ma jkunx barra minn loku li ma' dan jizdied jinghad dak li afferma recentement dan it-Tribunal, diversament presjedut, fil-kawza *in re* **Gasan Mamo Insurance Limited noe v. Sullivan Maritime Limited noe** moghtija fl-20 ta' Settembru, 2017, u cioè illi, *"... huwa jqis li l-kompitu primarju tiegħu* [*viz.* tat-Tribunal Ghal Talbiet Zghar] *huwa li jwettaq, fil-kawżi li jiġu quddiemu, ir-rieda tal-Parlament, kif espressa fil-liġijiet. Il-liġi trid li l-ebda qorti jew tribunal ma jisma' jew jiddeċiedi kawża lil ħinn mis-setgħat mogħtija, u l-kompetenza vestita fih bil-liġi. Huwa għalhekk li l-kwistjoni tal-kompetenza hija waħda mill-ftit kwistjonijiet li t-tribunal huwa obbligat li jinvestiga b'inizjattiva tiegħu, anke jekk ma jkunx hemm kontestazzjoni mill-partijiet."*

Registrat tali preambolu, wiehed jirrivolgi l-attenzjoni ghall-fattispecji tal-kaz odjern.

Il-pretiza attrici hi fondata fuq ir-reklam ta' hsarat kagunati fuq oggett proprjetà ta' l-attrici derivanti minn incident li fih kienet involuta vettura misjuqa mill-konvenut. Fl-okkorrenza ezebita flimkien ma' l-att promotur hemm registrat illi s-sewwieq tal-vettura (il-konvenut): *"stated that he was driving his vehicle downhill towards Ghadira Bay, as he was arriving at the curb, he noticed smoke and fire coming out from underneath the hood, at that time he panicked and accidentally dashed into the crash barrier and the vehicle finished looking opposite the flow of traffic. As soon as the vehicle came to a halt he and his friend emerged from the vehicle."* (ara *a fol.* 6).

Mela f'dan il-kaz il-materja hija ta' vettura li kienet qed tinstaq u, minhabba xi malfunzjonament (ossia nirien minn taht il-*bonnet*), din baqghet diehla fi *crash barrier* proprjetà ta' l-awtorità attrici u wara l-impatt l-istess vettura waqfet thares fid-direzzjoni opposta ghas-sewqan originali taghha. Minhabba l-impatt derivat mill-vettura, l-imsemmija *crash barrier* garrbet l-allegati hsarat li taghhom qed isehh ir-reklam b'din l-istanza.

B'introduzzjoni jinghad illi dan it-Tribunal, diversament presjedut, kemm fi zmien passat u kif ukoll fi zmienijiet aktar recenti, intrattjena, u eventwalment iddecieda,

kawzi b'fatti simili ghal dak tal-llum. Implicitament, ghalhekk, bid-decizjoni fil-mertu (u bil-kundanna tal-parti mharrka), dan it-Tribunal iddikjara ruhu kompetenti li jiehu konjizzjoni ta' istanza ta' dan il-generu. B'ezemplari, u fost ohrajn, jigu elenkati dawn l-istanzi decizi minn dan it-Tribunal:

(i) **Awtorità għat-Trasport f'Malta v. Josef Abdilla** (7 ta' Lulju, 2016): kaz fejn gew kagunati hsarat fuq *crash barrier* b'vettura misjuqa mill-konvenut.[2]

(ii) **Awtorità ghat-Trasport f'Malta v. Clyde Cassar et** (16 ta' Dicembru, 2016): kaz fejn gew ikkagunati danni waqt li vettura kienet qed tinstaq fi triq gewwa l-Imsida;[3]

(iii) **Awtorità ghat-Trasport f'Malta v. Mohsen Bettaieb** (4 ta' Mejju, 2016): kaz fejn gew kagunati danni fuq *Belisha pole* u *Belisha beacon* minn vettura misjuqa mill-konvenut.

(iv) **Awtorità ghat-Trasport F'Malta v. Liane Klisch Zammit** (20 ta' Jannar, 2016): kaz fejn gew kagunati hsarat fuq *traffic lights* b'vettura misjuqa mill-konvenuta.

(v) **Awtorità għat-Trasport f'Malta v. Angelus Polidano** (30 ta' Settembru, 2015): kaz fejn gew kagunati hsarat fuq paviment b'vettura misjuqa mill-konvenut.

(vi) **Awtorità ghat-Trasport f'Malta v. Michelle Mangion** (5 ta' Gunju, 2013): kaz fejn gew kagunati hsarat fuq *kerbs* b'vettura misjuqa mill-konvenuta.

(vii) **Awtorità għat-Trasport f'Malta v. William Mifsud** (14 ta' Mejju, 2013): kaz fejn gew kagunati hsarat fuq *traffic lights* b'vettura misjuqa mill-konvenut.

(viii) **Awtorità ghat-Trasport f'Malta v. Liliana Buttigieg** (28 ta' Settembru, 2012): kaz fejn gew kagunati hsarat fuq *Give Way Sign*, *Roundabout Sign*, *Keep Left Sign* u l-arbli rispettivi taghhom u kif ukoll f'aluminium *reflector* b'vettura misjuqa mill-konvenuta.

[2] Kaz indikat mill-awtorità attrici fin-nota ta' referenzi ezebita *seduta stante* fl-udjenza tat-23 ta' Ottubru, 2017 (*a fol*. 27).
[3] *Ibid*. Minn qari tas-sentenza relattiva ma jirrizultax x'tip ta' hsarat gew ikkagunati u fuq xiex.

(ix) **Awtorità għat-Trasport f'Malta v. Patrick Spiteri** (28 ta' Settembru, 2012): kaz fejn gew kagunati hsarat fuq *crash barrers* b'vettura misjuqa mill-konvenut.

Illi minn qari u ezami ta' l-elenkati decizjonijiet johrog illi f'tali kazijiet ma kien hemm l-ebda kontestazzjoni tal-pretiza rizarcitorja attrici, jew ghax il-parti mharrka ammettiet it-talba jew ghax, fil-maggjor parti minnhom, l-istess ghad li debitament notifikata baqghet assenti fil-proceduri u ma kkontestatx id-domanda attrici.

Dan it-Tribunal, kif illum presjedut, ma jistax ma jinnotax l-uzu ta' l-identiku modulu ciklostilat tad-decizjonijiet fuq riportati, fejn fin-nuqqas ta' kontestazzjoni, t-Tribunal baqa' miexi dritt ghad-decizjoni bl-akkoljiment tad-domanda rizarcitorja minghajr kunsiderazzjonijiet ulterjuri jew b'ghajn kritika ghall-indole tal-vertenza mressqa quddiemu. Dan it-Tribunal, kif presjedut, ma jistax jinjora il-qafas legislattiv tas-sistema Maltija u dik il-gurisprudenza li nterpretatu (hekk kif ser jintwera *infra*). Minhabba f'hekk, u bid-dovut rigward, dan it-Tribunal ma jikkondividix l-manjiera u l-modalità ta' kif tmexxew il-procediment *supra* u certament ma jikkunsidrax tali decizjonijiet bhala gurisprudenza li stabbiliet linji gwida in materja.[4]

Dan it-Tribunal, kif presjedut, irricerka l-materja llum quddiemu u minn tali ricerka jirrizulta illi mhux dejjem kwistjonijiet analogi bhal dik prezenti gew decizi bil-mod fuq senjalat. Referenza ssir ghal dawn il-kazijiet decizi minn dan it-Tribunal (diversament presjedut):

(i) **Awtorità għat-Trasport f'Malta v. Orazio Fenech** (20 ta' Novembru, 2015): kaz fejn gew kagunati hsarat f'cint b'vettura misjuqa mill-konvenut. Giet sollevata l-inkompetenza mill-konvenut u t-Tribunal laqa' l-eccezzjoni u filwaqt illi ddikjara ruhu inkompetenti sostna li l-vertenza kellha tinfetah skond ir-regoli t'arbitragg a bazi tal-Kapitolu 387 tal-Ligijiet ta' Malta;

[4] Kif ritenut in re **Negte. Emmanuele Scicluna pro et noe v. Negte Giuseppe Calcedonio Borg pro et noe** (Appell Civili, 21 ta' Gunju, 1871; *Kollezz*. Vol.V–571), "*per quanto una costante giurisprudenza debba essere rispettata dai Tribunali, se però nell'interesse dell'amministrazione della giustizia é richiesto di non poter più abbracciare una dottrina precedentemente ammessa, diviene dovere dei giudicanti di dipartirsene e non perseverare in quella, in cui l'esperienza o la teoria hanno dimostrato l'errore*." F'dan is-sens ara wkoll is-sentenzi *in re* **John Lowell noe et v. Onor. Carmelo Caruana noe et** (Prim'Awla, 14 ta' Awissu, 1972; mhux pubblikata) u *in re* **Perit Austin Attard Montaldo noe v. Chairman ta' l-Awtorita' ta' l-Ippjanar noe** (Qorti ta' l-Appell, 19 ta' Awwissu, 1996; mhux pubblikata).

(ii) **Awtorità għat-Trasport f'Malta v. Christian Fenech** (6 ta' Dicembru, 2016): kaz fejn gew kagunati hsarat fi *crash barriers* b'vettura misjuqa mill-konvenut. Giet sollevata l-inkompetenza mill-konvenut u tali eccezzjoni giet akkolta. It-Tribunal sostna li materja simili kellha tkun regolata skond l-indikat Kapitolu 387 fi proceduri arbitrali; u

(iii) **Awtorità għat-Trasport F'Malta v. Stephen Mifsud** (18 ta' Novembru, 2013): kaz fejn gew kagunati hsarat f'*roundabout* u *traffic sign* b'vettura misjuqa mill-konvenut. Konvenut issolleva l-inkompetenza *ratione materiæ* tat-Tribunal. Tali eccezzjoni preliminari giet akkolta u t-Tribunal kien iddecieda li kwistjoni bhal din kellha tkun regolata bi proceduri t'arbitragg skond l-imsemmi Kapitolu 387.

Minn tali tlett procedimenti jidher illi meta t-talba attrici giet direttament opposta mill-parti mharrka u l-kompetenza dwar ix-xorta tal-haga giet kwerelata, l-istess Tribunal waqaf milli jezercita l-funzjonijiet tieghu u ddecieda li ma kienx kapaci li jemetti gudizzju fuq il-materja stante l-inkompetenza *ratione materiæ* tieghu.

Inoltre, l-ahhar zewg decizjonijiet fuq menzjonati kienu gew appellati u l-istess fehma espressa fl-ewwel grad (Tribunal Ghal Talbiet Zghar) kienet giet pjenament kondiviza mill-Qorti ta' l-Appell (sede inferjuri).

In fatti fil-proceduri *in re* **Awtorità ghat-Trasport f'Malta v. Stephen Mifsud** (Appell Inferjuri, 7 ta' Dicembru, 2015), l-attrici fittxet ghad-danni wara incident stradali li fih l-istess attrici allegat li vettura misjuqa mill-imharrek, baqghet diehla f'*roundabout* u sinjal tat-traffiku. Fiha wkoll il-qorti tat-tieni istanza ddikjarat l-inkompetenza tal-qrati ordinarji fi kwistjonijiet simili: "*Il-kaz in ezami jitratta dwar hsara allegatament kagunata minn vettura meta habtet f'roundabout. Ghalhekk l-insenjament ta' din il-qorti fil-kawza fuq citata japplika u l-attrici kellha tipprocedi permezz ta' arbitragg mandatorju skond il-provvedimenti tal-Att dwar l-Arbitragg (Kap. 387).*" Fil-proceduri *in re* **Awtorità ghat-Trasport f'Malta v. Christian Fenech** (Appell Inferjuri, 16 ta' Marzu, 2016) li kien kaz illi, "*jitratta incident tat-traffiku li fih qieghed jigi allegat li l-konvenut, waqt li kien qieghed isuq il-vettura DAA-605, habat f'crash barriers li hemm fi Triq ix-Xatt Pinto*" il-qorti tat-tieni grad affermat illi, "*il-meritu jitratta allegat incident tat-traffiku u hsara fi proprjetà tal-Awtorità attrici. B'applikazzjoni ta' dak li jinghad f'paragrafu 1.2 (b) tar-Raba' Skeda tal-Att dwar l-Arbitragg (Kap. 387), m'hemmx dubju li l-pretensjoni tal-appellanti kellha titressaq f'proceduri ta' arbitragg mandatorju.*"

Illi r-Raba' Skeda tal-Kapitolu 387 tal-Ligijiet ta' Malta tipprevedi illi: "*Kull tilwima civili jew kummercjali, li ma tkunx wahda li jkollha x'taqsam ma' talba ghal danni ghal hsara fil-persuna, li tkun tilwima li torigina minn: (a) kollizjoni bejn vetturi, jew (b) hsara involontarja fil-proprjetà li tinvolvi l-vetturi*" ghandha tigi determinata b'arbitragg "*u għandhom jittieħdu f'arbitraġġ taħt ir-regoli msemmija fit-Taqsima B b'żieda ma' dawk ir-regoli li jistgħu jiġu maħruġa miċ-ċentru minn żmien għal żmien.*" Kliem il-legislatur patriju huwa car – jekk l-event sinistru jirrigwarda danni kolpuzi (i.e., responsabilità extra-kontrattwali) fil-proprjetà fejn hemm involuta vettura (ossia, li l-hsara torigina mill-impatt fil-proprjetà minn vettura),[5] tali kwistjoni trid tigi ntrattenuta fi proceduri arbitrali skond id-disposizzjonijiet pertinenti tal-Kapitolu 387 tal-Ligijiet ta' Malta.

Mill-ottika tad-duttrina legali, skond l-awtur **François Laurent** ("Principii di Diritto Civile" Vol. I, Milano 1889; §30, pp.51–52), "*dal momento che le forme costituzionali sono state osservate, la legge esiste e il giudice è tenuto ad applicarla. La legge è l'espressione della sovranitá nazionale; come tale, essa obbliga i tribunali al pari de' privati. Quando si dice che il giudice è legato dalla legge, s'intende ch'esso non ha il diritto di sottometterla ad un controllo, che non gli è permesso d'esaminare se essa è in armonia con i principii del giusto o dell'ingiusto che Iddio ha scolpiti nella nostra coscienza. Di certo il legislatore deve usar diligenza perchè le leggi ch'esso emana non violino la giustizia eterna. Se egli facesse una legge ingiusta, questa mancherebbe d'autoritá morale; ma ciò non dispenserebbe il giudice dal doverla applicare. Se il giudice potesse giudicare la legge, se esso potesse rifiutarsi di farne l'applicazione, la legge non sarebbe piú quel che essa deve essere, una regola obbligatoria per la societá tutta intiera; non vi sarebbe piú legge.*" L-imsemmi awtur jislet mill-Qorti ta' Kassazzjoni Franciza (sentenza tal-25 ta' Mejju, 1814) fejn fiha jinghad illi, "*Non appartiene punto ai tribunali di giudicare la legge, essi debbono applicarla tale qual'è, senza che loro sia giammai permesso di modificarla o di restringerla per nessuna considerazione, imperiosa che sia* " (*ibid.* p.52).

Osservazzjonijiet simili huma mhaddna fis-sentenza *in re* **Neg. John Coleiro ne v. Onor. Dr. Giorgio Borg Olivier ne et** (Prim'Awla, 22 ta' Gunju, 1957) fejn inghad illi, "*Il giudice deve applicare la disposizione quand'anche gli sembrasse ingiusta. "Dura sed lex". Il giudice è istituito per giudicare secondo la legge. Permettere al giudice di non applicare la legge quando la trova iniqua sarebbe sostituirla colla coscienza del giudice e sostituire l'arbitrio di lui alla volontá del legislatore (persone I, §236).*" Fl-istess decizjoni hemm citat b'approvazzjoni l-awtur **Foramiti**, li jsostni, *inter alia*, illi, "*i sudditi hanno*

[5] *vide* interpretazzjoni ta' din id-disposizzjoni fis-sentenza *in re* **Middlesea Insurance p.l.c. noe et v. Gevimida Limited** (Appell Inferjuri, 23 ta' Ottubru, 2009).

*l'obbligo di soffrire gli inconvenienti che possono risultare da alcune leggi ingiuste, piuttosto che esporre alla ribellazione lo stato ad essere rovesciato (Enciclopedia Legale, Vol. III, voce "Leggi", pag.238, col.2a)."*

Dan kollu juri li l-interpretazzjoni gudizzjali ghandha tigi uzata solament fejn il-ligi hija oskura u tirrikjedi l-awzilju ta' l-gherf tal-qrati. Madanakollu, meta l-istess m'hijiex oskura u ma thallix lok ghal dubji, l-qrati ghandhom solament is-setgha li japplikawha kif inhi, minghajr il-htiega li jirrikorru ghall-interpretazzjoni legali u minghajr il-bzonn li jaraw jekk l-istess disposizzjoni hijiex ekwa u/jew gusta. Din hija l-portata tal-massima "dura sed lex" – applikabbli fl-istess mizura rigida kemm ghac-cittadin privat u kif ukoll ghall-gudikanti tal-qrati, entrambi soggetti ghal-Ligi. Ghalhekk, mill-aspett guridiku, m'ghandha l-ebda valur l-obbjezzjoni illi l-applikazzjoni ta' disposizzjoni taf jew tista' twassal ghal konsegwenzi strambi u ngusti. Dan huwa hekk l'ghaliex jinsab sekolarment affermat illi, "*appartenendo al potere giudiziario la sola applicazione delle leggi ai casi speciali che formano oggetto delle controversie, non è di sua competenza di incaricarsi delle conseguenze che ne derivano da siffatte applicazioni* " (**Gollcher v. Ostmann**, Qorti tal-Kummerc, 1 ta' Marzu, 1866).

Spjanat dan it-terren, dan it-Tribunal ma jarax ghalfejn ghandu jiddipartixxi mill-insenjamenti gurisprudenzjali fuq espressi (*viz.* kaz ta' 'Stephen Mifsud' u dak ta' 'Christian Fenech') u lanqas jazzarda jikkwerela d-dicitura tal-legislazzjoni specjali fuq citata.

Inoltre, dan it-Tribunal ma jistax ma jinnotax ukoll illi ghall-awtorità attrici id-*dicta* recenti fuq citati kellhom ikunu maghrufa ghaliha stante li l-istess kienet gjà direttament involuta fi procedimenti precedenti fejn il-pretiza ta' rizarciment ta' hsara kienet giet rigettata minhabba karenza ta' kompetenza *ratione materiæ* ta' dan it-Tribunal. Is-sopracitat kaz ta' 'Stephen Mifsud', intavolat fl-2012, kien ghadda in gudikat fis-7 ta' Dicembru, 2015, filwaqt li dak ta' 'Christian Fenech', intavolat fl-2013, kien sar *res iudicata* fis-16 ta' Marzu, 2016. Entrambi d-*dicta* taz-zewg kazijiet kienu definittivament issigillati mill-qorti tat-tieni grad qabel ma infethet il-kawza odjerna, ossia fis-16 ta' Dicembru, 2016. Tali sitwazzjoni kellha tkun certament *al corrente* ta' l-awtorità attrici, anke fuq l-istregwa tal-brokkard *ignorantia eorum quæ quis scire tenetur non excusat,*[6] jew kif komunement maghruf, *ignorantia juris, neminem excusat* li hu applikabbli ukoll *in sede* civili (u mhux biss kriminali) kif turi s-sentenza **Maggur Hannibal A. Scicluna M.B.E. noe v. Avv. Dr. Edgar Grima et noe**

[6] "*Ignorance affords no excuse in reference to those things which one is bound to know*" (**Trayner's Latin Maxims**, A.G.M. Duncan, Sweet & Maxwell 1993, 4th ed.; p.248).

(Prim'Awla, 23 ta' Frar, 1965). Jekk dan ma kienx hekk maghruf, wiehed ma jista' jghid xejn hlief *imputet sibi*.[7]

Illi l-awtorità attrici ressqet nota ta' referenzi (*a fol.* 27) biex tispjega u tiggustifika l-fatt ghaliex intavolat dawn il-proceduri quddiem il-qrati ordinarji. F'tali nota tissenjala numru ta' decizjonijiet decizi, li ghadhom pendent u ohrajn li gew ceduti. L-argument implicitament maghmul b'tali riferenza hija li dan it-Tribunal gieli ha konjizzjoni ta' talbiet simili jew analogi ghal dik prezenti bla ebda kwistjoni dwar l-inkompetenza ta' l-istess. Madanakollu, l-osservazzjonijiet gja' rilevati *supra* minn dan it-Tribunal iservu ta' twegiba ghaliex tali senjalazzjonijiet m'humiex kondivizi minn dan it-Tribunal. Ghalkemm il-mertu tal-kaz kien divers minn dak odjern, dan it-Tribunal jabbraccja il-hsieb tal-Prim'Awla, Qorti Civili fid-decizjoni *in re* **Graziella Catuogno et noe v. George Xuereb** (5 ta' Lulju, 2007) meta l-istess osservat illi, "*lanqas jiswa il-fatt illi fl-imghoddi dejjem sar l-istess u ma gara qatt xejn, ghax dan ma jfissirx illi ghandu jibqa' dejjem ma jigri xejn*." L-istess filosfija ta' hsieb tinsab riportata fid-decizjoni *in re* **Leonard Sacco et ne v. Joseph Bonnici** (Appell Civili, 19 ta' Frar, 1962).

Fic-cirkostanzi tal-kaz u in vista ta' dak appenna espress, tinhass il-htiega li t-Tribunal iwettaq is-segwenti osservazzjonijiet *obiter*.

Ghalkemm huwa vera li t-teorija, jew norma, ta' "law of precedent" (jew ta' "stare decisis") ma tiffurmax parti mill-ordinament patriju Malti[8] – hekk kif inhi fit-tradizzjoni forensi ta' sistemi li jhaddnu l-*Common Law* – wiehed ma jridx jinsa wkoll li l-insenjamenti tal-qrati domestici, primarjament dawk fi grad gholi fil-gerarkija tas-sistema gudizzjarja, jgawdu minn certu awtorità perswaziva.[9] Fis-sentenza pronunzjata mill-Qorti Kostituzzjonali fit-28 ta' Jannar 2013 *in re* **Stepan Bonnici v. Avukat Generali** gie sottolinjat illi ghalkemm il-gurisprudenza hija f'evolviment kontinwu, *"il-qrati taghna dejjem fittxew li jippromwovu c-certezza tad-dritt billi, safejn*

---

[7] *«Imputet sibi»* è una locuzione latina che significa "imputabile solo a se stesso". È un brocardo, ossia una massima latina, ancora in uso nella giurisprudenza moderna, dove si voglia indicare che un fatto è di esclusiva responsabilità di una persona e non coinvolge terzi. (*cfr.* **Federico del Giudice**, "Il Latino In Tribunale: Dizionario dei Broccardi e Termini Latini", Simone ed. IV, 2011; vuci: "*imputet sibi*").

[8] *vide* **Dr. Vladmir Formosa v. Direttur Tas-Sigurtà Socjali** (Appell Superjuri, 4 ta' Mejju, 1992).

[9] *vide* **Ignatius Debono et v. Direttur Tal-Artijiet** (Appell Superjuri, 9 ta' Mejju, 2017) fejn intqal hekk: "*ghalkemm il-qrati taghna jfittxu l-konsistenza u uniformità fil-principji enuncjati minnhom, m'humiex marbuta bil-principju ta' stare decisis. L-ordinament guridiku taghna ma japplikax il-principju ta' stare decisis (binding precedent), kwindi l-qrati taghna mhumiex marbuta ma' dak deciz fis-sentenzi pre-citati u huma liberi li jiddipartixxu mir-ragunament imfassla f'dawk id-decizjonijiet, jekk huma tal-fehma illi l-istess ma hijiex legalment b'sahhitha. Dan ma jfissirx lanqas illi l-principju auctoritas rerum similiter iudicatarum ghandu jigi mwarrab.*"

*ma jkunx hemm ragunijiet serji li jimmilitaw favur bidla fil-hsieb, isegwu l-insenjament ta' sentenzi precedenti."* Analogament, fis-sentenza *in re* **Maria Debono et v. Av. Dr. Paolo Mercieca et** (Appell Superjuri, 30 ta' Jannar 2004) gie ritenut li, *"l-Qrati taghna dejjem fittxew li kemm jista' jkun issaltan il-konsistenza u l-uniformita`, b'dan li meta mbaghad tinhass il-htiega ta' kapovolgiment jew strapp minn linja ta' hsieb partikolari li tkun qeghda tigi segwita, allura f'dak il-kaz tali bidla tkun sorretta b'xi forma ta' elaborazzjoni biex tiggustifika tali kambjament. Tali modus operandi ma hu rikjest minn ebda parti tal-ligi tal-procedura imma jittrapela invece mill-prassi tul iz-zmien mnejn jidher li normalment hekk dejjem sar."* Ara fl-istess vina ta' hsieb, fost ohrajn, **P.L. Joseph Zammit noe v. Lydia Pulis et** (Prim'Awla, 28 ta' Frar, 2003) u **Mohnani Romina Delicata v. Alfred Borg et** (Appell Inferjuri, 9 ta' Lulju, 2014).[10]

Dwar tali certezza li taghti l-gurisprudenza antecedenti t-Tribunal jirreferi ghall-awtur **Grant Lamond**, fl-artikolu tieghu intitolat «Precedent and Analogy in Legal Reasoning» misjub f' «The Stanford Encyclopedia of Philosophy».[11] Dan jindika l-'ugwaljanza' bhala fattur li jiggustifika l-konsistenza fil-kazistika. It-trattament divers ta' kazijiet li huma legalment indistingwibbli jirrizulta fi trattament inugwali tal-partijiet: "*The claim of consistency is also sometimes put in terms of 'equality': to treat the later case differently to the first would be to fail to treat the parties before the courts equally….If a legal system is morally legitimate and has authority over those subject to it, then it is inconsistent for one person to be treated less or more favourably by the law than another person whose situation is legally indistinguishable.*" L-istess awtur jirrimarka wkoll dwar il-kuncett tal-*legitimate expectations* li jiffavorixxi l-ligi tal-precedent u jghid illi, *"Another common argument in favour of precedent is in terms of protecting expectations: if an institution has dealt with an issue in one way in the past, then that creates the expectation that it will do so in the future."* **Glanville Williams** ("Learning the Law", 9th edition, 1973) jamplifika dwar kif id-dissimilarità f'certi fatti bejn kaz u iehor ma teskludix l-applikabilità tal-ligi tal-precedent, li tinnecessità biss is-similarità fil-fatti materjali tal-kaz: "*What the doctrine of precedent declares is that cases must be decided the same way when their material facts are the same. Obviously it does not require that all the facts should be the same. We know that in the flux of life all the facts of a case will never recur, but the legally material facts may recur and it is with these that the doctrine is concerned."*

[10] Ghal esposizzjoni siewja dwar "binding precedent" wiehed hu mistieden jara d-decizjoni *in re* **Reginald Grech et v. Onor Ministru ghat-Transport u l-Infrastruttura et** (Prim'Awla, Sede Kostituzzjonali, 13 ta' Ottubru, 2016).

[11] http://plato.stanford.edu/entries/legal-reas-prec/

L-impatt li l-inosservanza ta' sentenzi antecedenti (ta' qrati fi grad gholi) jista' jkollu fuq l-amministrazzjoni tal-gustizzja sar accenn ghalih sahansitra fil-gurisprudenza domestika. Fis-sentenza gjà citata ta' **Dr. Vladmir Formosa v. Direttur Tas-Sigurtà Socjali** (Appell Superjuri, 4 ta' Mejju 1992) giet konfermata l-ezistenza tal-principju illi ghandu jkun hemm aderenza ghal sentenzi precedenti rigwardanti punt ta' dritt "*u l-osservanza ta' dan il-principju hija cara ghax diversament l-istess kwistjoni tispicca tigi sollevata f'kull kawza u l-amministrazzjoni tal-gustizzja tkun serjament intralcjata.*" Is-sentenza appena citata tirribadixxi illi huwa biss f'kaz li jkun hemm "*motivazzjonijiet serji u godda*" illi l-Qorti ghandha taghti ezitu divergenti ghal dawk konsistentement moghtija fil-passat u hekk kif tirrileva tali sentenza, tali xenarju huwa wiehed rari. Fil-kazijiet fejn tali eccezzjoni ghar-regola ma tavverax ruhha, l-qrati "*ghandhom iharsu lejn dak li jkun gie deciz minnha bl-ikbar rispett u rigward.*" Kif tillustra ampjament is-sentenza fl-ismijiet **Strickland v. Hunter** (riportata f'*Kollezz.* Vol. XXX-I-446) bl-ebda mod m'ghandha tirrenja "*anarkija assoluta f'dik li hi interpretazzjoni u applikazzjoni tal-ligi fis-sens li kull Qorti tista', hekk sic et simpliciter, tapplika l-ligi kif jidhrilha meta diga jkun hemm pronunzjament awtorevoli ta' din il-Qorti.*"

Maghluqa tali parentezi, ghar-ragunijiet fuq espressi t-Tribunal ma jarax ghalfejn ghandu jiddipartixxi mill-pronunzjamenti fuq senjalati, anke l'ghaliex ikun alkwantu awdaci u prepotenti ghalih li – fin-nuqqas ta' ragunijiet gravi, serji u godda – jippronunzja ruhu diversament fuq materja gjà deciza mill-Qorti ta' l-Appell u wkoll ghax decizjoni diversa u kuntrarja emessa minn dan it-Tribunal (fuq materja gudizzjarjament gja' definita) tiskonvolgi kwistjonijiet li llum-il gurnata jaghtu dik ic-certezza u dik l-aspettattiva legittima diskussi aktar kmieni f'din id-decizjoni.

Illi fid-dawl ta' dak hawn fuq espress, tenut kont illi l-hsara kwerelata mill-awtorità attrici fil-*crash barrier* proprjetà taghha giet ikkawzata konsegwenza ta' skontru/impatt derivat minn vettura li fil-hin ta' l-incident jidher illi kienet qed tigi misjuqa, u ghalhekk kienet miexja, dan it-Tribunal huwa tal-fehma illi tali cirkostanzi jinkwadraw ruhhom f'dak kontemplat fis-subinciz (b) tal-paragrafu 1.2 tat-Taqsima A fir-Raba' Skeda tal-Kapitolu 387 tal-Ligijiet ta' Malta, u li ghalhekk din it-tilwima kellha tigi mressqa quddiem ic-Centru Malti ta' l-Arbitragg. Illi ghalhekk it-Tribunal ser ighaddi sabiex jiddikjara ruhu inkompetenti *ratione materiæ* li jiehu konjizzjoni ta' l-azzjoni attrici.

Cionostanti hemm numru ta' decizjonijiet f'sens divers,[12] it-Tribunal jidhirlu li lanqas jista' jsalva l-azzjoni attrici b'applikazzjoni tad-dispost misjub fl-Art. 741(b) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta,[13] mizjud bl-Att IV tal-2016, u intiz biex jaghti setgha ta' trasferiment tal-kawza lill-"*Qorti, bord jew tribunal*" kompetenti meta tintlaqa' l-eccezzjoni ta' l-inkompetenza, minhabba li din is-setgha specjali hija moghtija biss lill-"*Qorti*" u mhux ukoll lil dan it-Tribunal.[14]

GHALDAQSTANT, it-Tribunal qed jiddikjara li m'ghandux kompetenza *ratione materiæ* sabiex jaqta' u jiddecidi din il-kawza, u konsegwentement jiddikjara ruhu mhux kompetenti biex jiehu konjizzjoni tat-talba odjerna u jastjeni milli jkompli bis-smigh ta' l-istess.

Fic-cirkostanzi – bl-adoperu tad-diskrezzjoni komminata fl-Art. 10(1) tal-Kapitolu 380 tal-Ligijiet ta' Malta – t-Tribunal jordna li l-ispejjez gudizzjarji jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

***ft.* AVV. DR. KEVIN CAMILLERI XUEREB**
***Gudikatur***

***ft.* ADRIAN PACE**
***Deputat Registratur***

---

[12] *vide* **Monique Attard v. Antoinette Rapinett** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 21 ta' Marzu, 2016); **Perit Lawrence Gatt v. Dr Rachel Tua** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 21 ta' Marzu, 2016); u **Joseph Vella et v. Charles Micallef et** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 21 ta' Marzu, 2016) fost ftit ohrajn.

[13] Tali disposizzjoni tghid hekk: "*Iżda jekk il-qorti tikkunsidra li l-eċċezzjoni* [ta' inkompetenza] *hi ġustifikata, il-qorti għandha, permezz ta' digriet in camera, li ma jkunx appellabbli, tordna li l-atti tal-proċeduri jiġu trasferiti lill-qorti, bord jew tribunal li l-qorti tikkunsidra li għandhom jieħdu konjizzjoni ta' dik il-kawża*." Id-direzzjoni hija wahda *a senso unico*, u cioè li hija biss "*Qorti*" li tista titrasmetti l-atti lil "*qorti, bord jew tribunal*".

[14] *vide* ghal dak li jiswa s-setenza *in re* **Anthony Grech v. Claire Calleja** (Qorti Kostituzzjonali, 29 ta' Frar, 2008) li ddecidiet li t-Tribunal Ghal Talbiet Zghar mhux avvoverabbli, jew klassifikabbli, bhala "Qorti". Inoltre, konsonu ghal dak li qed ighid il-prezenti Tribunal huma d-decizjonijiet ricenti ta' dan it-Tribunal, diversament presjedut, *in re* **Alfred Schembri et v. Jean Pierre Schembri** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 10 ta' Jannar, 2017); **Publius Despott v. Nina Morse** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 8 ta' Mejju, 2017); **Jamar Malta Limited v. Michael Spiteri** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 11 ta' Mejju, 2017); u **Samuel Degaetano v. Meander Co Ltd** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 30 ta' Mejju, 2017). Fis-sentenza *in re* **Gasan Mamo Insurance Limited noe v. Sullivan Maritime Limited noe** (Tribunal Ghal Talbiet Zghar, 20 ta' Settembru, 2017) inghad, b'riferiment ghall-Art. 56A tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta, illi "*Din id-disposizzjoni tagħmilha ċara li dan it-Tribunal mhuwiex 'qorti', imma tribunal amministrattiv jew kważi-ġudizzjarji, b'kompetenza speċjali ristretta bit-termini tal-liġi li ħolqitu*."